Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TLIETA u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 4 ta' Ġunju 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas- 6.5pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Ambaxxatur is-Sur Andrew Zammit Montebello bagħat jinfurmana li ma setax ikun preżenti għaliex kien għaddej bl-eżamijiet.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-krejn fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima ġie sorġut u l-applikant issottometta ċ-ċertifikat tal-krejn kif ukoll health and safety report tiegħu.

## Sospensjoni tal-Aġenda biex jiġi diskuss Item 5-Korrispondenza u Ilmenti

## 5. <u>Korrispondenza u Ilmenti</u>

**Ittra Nru. 4049**: Talba mis-Sur Portelli fuq propjeta 241, Triq il-Kbira Balzan fejn ser isir xogħol ta' restawr u qed jitlob lill-Kunsill biex jinħarġulu l-permessi meħtieġa kif ukoll ser tingħalaq it-triq kultant li ma tkunx izjed minn 3 siegħat. Għal dan ix-xogħol għandu pemess tal-MEPA.

Is-Sindku qal li minħabba l-festa bi ftehim mal-Kazini tal-lokal jista' jinħariġlu biss permess mill-Kunsill għal-xogħlijiet fuq barra sat-30 ta' Ġunju. Mill-1 ta' Lulju sal-21 ta' Lulju 2014 mhux ser jinħarġu permessi minħabba l-festa. Huwa kien qed jitlob ukoll li l-applikant għandu jkellem lill-ġirien għall-kunsens tagħhom. Saħaq ukoll li x-xogħolijiet fuq barra għandhom jitlestew sal-15 ta' Settembru 2014 peress li terga' tiftaħ l-iskola ta' Stella Maris.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li x-xogħolijiet fuq barra għandhom jibdew wara l-festa għax inkella jkollhom il-problemi l-każini biex jarmaw.

Is-Sindku qal li dan il-ftehim mal-Kazini ilu jeżisti minn snin ilu kif ukoll li jekk isir hekk is-Sur Portelli mhux ser ilaħħaq ilesti sal-15 ta' Settembru għar-raġuni li ħafna mill-kumpaniji tal-bini jagħlqu bix-shutdown għal-ġimgħatejn f'Awwissu.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara kien qed joġġezzjona fuq dan għaliex jidhirlu li l-kazini tal-banda u min għandu x'jaqsam mal-festa għandhom jiġu kkonsultati qabel ma jingħata permess u li x-xogħolijiet jistgħu faċilment isiru wara l-festa.

Is-Sindku ppropona għall-vot li x-xogħolijiet jistgħu jibdew skont il-ftehim li l-Kunsill għandu mal-kazini fejn mhux ser jinħarġu ebda permessi meħtieġa biex isiru xogħolijiet fuq barra tat-triq kif ukoll l-applikant irid iġib il-kunsens tal-ġirien.
.
Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li jitniżżlu fil-minuti li la darba l-iskejjel għadhom miftuħin xorta ma kienitx ser tagħmel differenza li x-xogħolijiet jibdew ġimgħatejn wara l-festa.

Ivvutaw favur erbgħa (4) li kienu Dr. Zammit Montebello, Joe Galea, Stephen Gatt u Guido Borg. Kontra wieħed (1) li kien Desmond Zammit Marmara. Il-proposta ġiet approvata.

**Talba mis-Sur Manuel Borg**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq xi lmenti għan-nom tas-Sur Manuel Borg li kien prezenti u li joqgħod fi Triq Birbal fejn hemm xi ġebel kbar fl-għalqa li hija propjeta' tal-Joint Office maġenb il-villa tiegħu. Huwa staqsa jekk hemmx xi perjodu stabbilit ta' meta dan il-ġebel ser jiġi mneħħi.

Is-Sindku wieġeb li dak il-ġebel qiegħed hemm in konnessjoni mal-proġett tal-National Flood Relief mill-Gvern Ċentrali u huwa infurmat b'mod mhux uffiċċjali għaliex il-Kunsill ma jirċievi ebda korrispondenza in konnessjoni ma' dan il-proġett li dan ser jitlesta sa' l-aħħar ta' Diċembru.

Hawnhekk bdew l-interruzzjonijiet mis-Sur Manuel Borg.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jikteb lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex il-Kunsill jingħata timeframe ta' meta ser jintemm dan ix-xogħol fi Triq Birbal.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara tkellem fuq il-ħmieg li qed jinġema f'dik l-għalqa tal-Joint Office.

Il- Kunsill ser jitlob lill-Joint Office biex titnaddaf din l-għalqa.

Sadanittant komplew l-interuzzjonijiet mis-Sur Borg.

L-aħħar punt li semma l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara kien li kull nhar ta’ Sibt u Ħadd filgħaxija qed jingemgħu xi nies taħt is-siġar li hemm fl-għalqa u jista’ jkun li qed isiru xi abbuzi. Il-Kunsill ser jinforma l-għassa tal-pulizija biex jinfurzaw.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa fuq is-sitwazzjoni preżenti fuq l-art tal-Joint office biex tiġi devoluta lill-Kunsill u li kien micħuda minħabba l-valur kummerċjali li fiha dik l-art.

Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm ebda żviluppi ulterjuri u sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv kiteb lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo biex issir laqgħa miegħu b’kontinwazzjoni tal-laqgħat li kienu saru mas-Segretarju Parlamentari ta’ qabel Dr. Jose’ Herrera fuq il-kwistjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill pero’ s’issa għadu ma rċieva ebda’ risposta.

Is-Sur Manuel Borg reġa’ beda jagħmel interuzzjonijiet bla waqfien li kien qed ixekkel il-kontinwazzjoni tal-laqgħa.

## Il-Laqgħa ġiet sospiza

Is-Sindku xtaq jirrimarka li ma jistax jittolera li persuna għal raġunijiet personali jiġi jinterrompi u jxekkel l-andament tal-laqgħat tal-Kunsill aktar u aktar meta tingħata risposta adegwata għall-ilment tal-individwu. Il-liġi tal-Kunsilli Lokali tgħid li laqgħa hija miftuħa għall-pubbliku imma waqt is-seduta ma għandux id-dritt jitkellem. F’dan il-każ l-ilmenti mressqa mis-Sur Borg ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-Kunsill u għalhekk irid minn ħaddieħor biex tittieħed azzjoni mmedjata.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ qal li s-Sur Borg kien qed jinsisti biex il-Kunsill ikun pro-attiv u kwalunkwe’ resident għandu dritt jagħmel dan. Madankollu persuna għandha timxi mal-proċeduri tal-laqgħat skont il-liġi.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien pro-attiv u infurma lir-resident li kien ser jikteb lill-awtoritajiet konċernati kif ukoll huwa seta’ deliberament iressaq l-ilmenti tiegħu lil dawn l-awtoritajiet. Dan huwa proġett tal-Gvern Ċentrali u l-għalqa hija propjeta’ tal-Joint Office.

**Għeluq:** Il-laqgħa ( kontinwazzjoni) li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa , 11 ta’Ġunju 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data